

# IL-FAMUŻ MUŻIĊISTA BORMLIŻ
# PAOLINO VASSALLO

## Wieħed mill-aqwa Surmastrijiet li kellha l-Banda tagħna

Mill-Kan. Prep. Jos. Bonello

Paolino Vassallo twieled f'Bormla fl-24 ta' Lulju 1856 minn Salvatore Vassallo u Vittorja Scicluna. Mill-ewwel deher li huwa miġbud lejn il-mużika u għalhekk il-ġenituri tiegħu bagħtuh jitgħallem l-Arti Mużikali għand il-Kanonku Dun Alwiġ Fenech tal-Birgu, mużiċista magħruf, u għand l-Agostinjan Patri Spiteri Fremond, mużiċista ieħor gwapp minn Ħal-Qormi. Meta kellu biss 15-il sena mar jistudja l-vjolin għand il-bravu vjolinista tat-Teatru Rjali, Domenico Amore.

Meta kien għadu żagħżugħ, kellu biss 19-il sena, Vassallo telaq lejn Pariġi fejn tgħallem u tħarreġ sewwa għand Massenet u Gounod. Għamel suċċessi kbar u mill-Konservatorju ta' Pariġi akkwista l-ogħla ċertifikat fost sħabu kollha. F'Pariġi dam 10 snin fejn kiteb diversi Sinfoniji, Kantati, Oratorji u mużika oħra, li kollha ġew imfaħħra ħafna mis-surmastrijiet tiegħu.

Kif ġie lura minn Pariġi fetaħ Istitut Mużikali biex igħallem il-mużika. Fost l-allievi tiegħu nsibu lil Carlo Diacono, li wara sar Maestro di Cappella tal-Kattidral u Ġużeppi Caruana, magħruf għall-Innijiet Sagri, lil Abdilla u oħrajn.

Fis-7 ta' Lulju 1896 Paolino Vassallo żżewweġ lit-tfajla Marianne Grech u kellu żewġt itfal; Victor u Bice. Ibnu Victor laħaq tabib u Professur tal-Mard tal-Moħħ, magħruf anke barra minn Malta. Bintu Bice, bħal missierha, studjat sewwa l-mużika u kisbet suċċessi kbar bħala Pjanista ta' fama. Hija żżewġet lil Dr. Enrico Mizzi, li wara sar Prim Ministru ta' Malta, kellhom tifel wieħed, illum Monsinjur, Dun Fortunato Mizzi, fundatur tal-Moviment Azzjoni Soċjali.

### Surmast tal-Banda S. Ġorġ

Bejn l-1880 u l-1900 il-Banda San Ġorġ ta' Bormla kienet magħduda b'waħda mill-iprem baned ta' Malta. Kien jingħad li t-tliet baned kbar kienu La Vallette, La Vincitrice u San Ġorġ. Taħt Paolino Vassallo l-Banda għamlet suċċessi kbar, tant li fl-1898 il-Bormliżi għamlulu demostrazzjoni kbira. Kien fl-Italja, fil-Belt ta' Reggio, li l-Banda ta' Bormla daqqet programm famuż taħt id-direzzjoni ta' Vassallo. B'mod partikolari jissemma wkoll programm ieħor li sar il-Belt fi Pjazza S. Ġorġ fl-1 ta' Diċembru 1895. Dak inhar lil Vassallo tawh kuruna tar-rand bi skrizzjoni magħha, waqt li l-Gvernatur Framantle bagħat jifraħlu u jgħidlu li kien ħa gost jisma' l-mużika hekk sabiħa mill-Banda li ġiet imsejħa "waħda mill-aħjar tal-pajjiż".

## Kompożitur gwapp

Bħala kompożitur mużikali Vassallo kien magħruf anke barra minn Malta. Kiteb għadd kbir ta' mużika lirika, kif ukoll sagra. Wieħed mis-suċċessi kbar tiegħu kien meta rebaħ it-tieni premju bl-Opra 'Amore Fatale' minn fost għadd kbir ta' kompożituri mid-dinja kollha. Din l-Opra ġiet ippreżentata fit-Teatru Rjal f'1898, fost applawsi enormi. Suċċess ieħor ta' Vassallo kien fl-1904 meta rebaħ l-ewwel premju bl-Overture 'Ad Gloriam', li wara kienet saret fit-Treatru Rjal fl-1905. Opra oħra li kisbet suċċess kbir kienet 'Miss Edith Cavell', iżda l-aqwa xogħol liriku tiegħu żgur li kienet l-Opra 'Frażir' li dehret l-ewwel darba fit-Teatru Rjal fl-1905 fejn ġiet imfaħħra minn kulħadd. Din l-Opra famuża kienet ibbażata fuq ir-rumanz 'Susanna' ta' Ġużè Muscat Azzopardi.



**Prof. PAOLINO VASSALLO (1856-1923)**



**Il-'Porta fiori' mogħtija lil Mro. P. Vassallo mill-Kumitat u bandisti tal-Banda San Ġorġ, Bormla.**

## Dimostrazzjoni f'Bormla

Il-Bormliżi tant kienu kburin b'dan il-kbir mużiċista Bormliż li riedu juru l-imħabba tagħhom lejh, billi jagħmlulu Dimostrazzjoni f'Bormla għas-suċċess tiegħu bl-Opra Frażir. Din il-festa għad-unur ta' dan il-mużiċista saret fit-30 ta' April 1905 meta Vassallo ngħata dimostrazzjoni mix-Xatt ta' Sta. Tereża sa Pjazza Sta. Margerita, fejn il-Banda San Ġorġ daqqet programm b'tislima u f'ġieh lil Paolino Vassallo. Fost entużjażmu enormi l-Bormliżi tawh ċentru tal-fidda, waqt li l-Banda offrietlu porta fiori tal-fidda wkoll.

## Maestro di Cappella tal-Katidral

L-aqwa unur li jista' jkollu mużiċista Malti kien dak li jkun Maestro di Cappella tal-Katidral. Dan l-unur mess lil Vassallo meta l-Isqof Pace għoġbu jagħżlu bħala Maestro di Cappella minn fost fost mużiċista ta' fama. Huwa kien ukoll Maestro di Cappella ta' belt twelidu Bormla, ta' l-Isla, tal-Birgu, ta' Ħal Qormi u ta' diversi parroċċi oħra.

Fi żmien Vassallo, il-mużika fil-Knejjes tagħna kienet popoplari ħafna: il-knejjes kienu jkunu fgati bin-nies. Diversi mużiċisti tat-Teatru Rjal kienu jieħdu sehem fl-Orkestri tal-knejjes immexxijin mis-surmastrijiet Vassallo, Bugeja, Nani, Diacono, Camilleri eċċ. Iżda huwa fatt ukoll li dik il-mużika ma tantx kienet addattata għall-funzjonijiet liturġiċi; kienet mużika profana u anke teatrali; quddiesa kienet iddum iżjed minn tliet sigħat. Ħafna riedu riforma. Il-Papa Piju X kien diġà ħareġ il-'Moto Propju' dwar ir-riforma tal-mużika fil-knejjes, iżda bħas-soltu, din ir-riforma tal-mużika ma ntogħġbitx mill-maġġoranza tal-Maltin.

Paolino Vassallo kien minn ta' l-ewwel li beda jikteb mużika sagra skond il-'Moto Propju' tal-Knisja, iżda sab oppożizzjoni kbira u diversi drabi sofra insulti. Ngħidu biss li s-Sur R. Mifsud Bonnici jgħidilna li "is-Surmast Vassallo u l-mużikanti, darba fost l-oħrajn, ħtiġielhom jissakkru fuq l-orgni għax in-nies għamlet għalihom billi ma daqqewx l-Antifona tas-soltu".

Vassallo, iżda ma qatax qalbu u rnexxielu jagħtina mużika sabiħa u melodjuża u fl-istess ħin addattata għall-funzjonijiet liturġiċi, sa l-Kardinal Domenico Ferrata, li sema' l-mużika tiegħu fil-Kungress Internazzjonali, faħħru għax-xogħlijiet mużikali tiegħu. Vassallo, flimkien ma' Carlo Diacono u Caruana, kien il-Pijunier tal-mużika sagra skond il-Moto Propju tal-Papa Piju X.

**Il-veru kobor**

Paolino Vassallo miet fit-30 ta' Jannar 1923, u jinsab midfun fl-Addolorata. Fuq il-qabar tiegħu hemm kitba bil-latin li bil-Malti tfisser hekk: "Il-Veru kobor la jitlob u anqas jittallab tifħir fieragħ."

---



## BANDISTI ĠODDA

It-tliet bandisti ġodda li ħarġu jdoqqu mal-Banda din is-sena.
Anthony Cachia (Klarinett), Francis Carabott (Basso Mib), Noel Vella (Kwartin) flimkien mas-Surmast Karmenu Vella u l-Asst. Surmast William Abbott.